

## Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-10 ta' Novembru 2021 (IA Nru 31-2021) dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-lista tal-uffiċċiali promossi fl-2021, ikkonfermata bid-Deċiżjoni Nru R/72/22 meħuda mill-Awtorità tal-Ħatra fit-8 ta' Ġunju 2022 bi tweġiba għall-ilment ippreżentat mir-rikorrent fil-5 ta' Frar 2021;
- tikkumpensa t-telf u d-dannu tar-rikorrent;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha skont l-Artikolu 268 TFUE.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi u l-irregolarità tal-proċedura ta' promozzjoni kkontestata 2021: ksur tad-Deċiżjoni C(2013) 8968 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal; ksur tal-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-assenza ta' tqabbil reali tal-merti.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' promozzjoni previsti fl-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal, fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

## Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2022 – Bindl vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-354/22)

(2022/C 294/56)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Partijiet

Rikorrent: Thomas Bindl (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Herbrich, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla t-trasferimenti ta' data personali tar-rikorrent lil riċevituri stabbilit fi Stati terzi mingħajr livell adegwat ta' protezzjoni għar-rikorrent imwettaq mill-konvenuta bi ksur tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725 fil-kuntest tal-aċċess għas-sit internet “<https://futureu.europa.eu>” fit-30 ta' Marzu 2022 u fit-8 ta' Ġunju 2022 kif ukoll fil-kuntest tar-reġistrazzjoni għall-avveniment “GoGreen” fit-30 ta' Marzu 2022;
- tiddikjara li l-konvenuta naqset illegalment milli tipprovd i-l-rikorrent b'informazzjoni, skont it-talba tiegħu tal-1 ta' April 2022, dwar l-ipproċessar tad-data personali tiegħu mwettaq mill-konvenuta kif ukoll dwar il-miżuri adegwati ta' protezzjoni skont l-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward tat-trasferiment ta' data lil riċevituri stabbiliti fi Stati terzi;
- tikkundanna lill-konvenuta tkhallus kumpens għad-danni fl-ammont ta' EUR 1 200 flimkien ma' interassi ta' 2 punti perċēntwali oħla mir-rata tal-interessi stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet finanzjarji ewlenin, b'effett mid-data tas-sentenza li tikkonstata li l-konvenuta applikat b'mod żbaljat ir-Regolament (UE) 2018/1725;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikoorrent jinvoka ġumes motivi.

1. L-ewwel motiv: applikazzjoni żbaljata tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 46 kif ukoll tal-Artikolu 48(1) u (2) (b) tar-Regolament (UE) 2018/1725 (¹)

— Il-konvenuta ttrasferixxiet data personali tar-rikoorrent, fil-kuntest tal-aċċess għas-sit internet “<https://future.europa.eu>”, lil riċevituri stabbiliti fl-Istati Uniti tal-Amerika. L-Istati Uniti huma Stat terz li fir-rigward tiegħu l-Kummissjoni ma adottat ebda deċiżjoni ta' adegwatezza.

— Trażmissjoni tad-data personali tar-rikoorrent lil riċevituri stabbiliti fl-Istati Uniti abbażi ta' klawżoli kuntrattwali standard skont l-Artikolu 48(2)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1725 ma tipprovd, fl-assenza ta' miżuri ta' protezzjoni addizzjonali minn perspettiva teknika u organizzattiva, ebda garanzija li fl-Istati Uniti huwa żgurat livell adegwaw ta' protezzjoni.

2. It-tieni motiv: ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikoorrent taħt l-Artikolu 7 u taħt l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”)

— Il-limitazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali tar-rikoorrent previsti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta li jirriżultaw mill-fatt li l-awtoritajiet Amerikani, skont id-dritt Amerikan, jista' jkollhom aċċess għal u jistgħu jużaw data ttrasferita lejn l-Istati Uniti mill-Unjoni ma humiex irregolati b'mod li jiġi ssodisfatti rekwiżiti li huma essenzjalment ekwivalenti għal dawk previsti fid-dritt tal-Unjoni skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta.

— La l-50 U.S. Code § 1881a (Section 702 FISA) u lanqas l-Executive Order 12333 ma jagħtu liċ-ċittadini tal-Unjoni l-possibbiltà jew id-dritt li jiddefendu ruħhom kontra aċċess għad-data personali tagħhom jew li jinvokaw effettivament id-drittijiet tagħhom taħt ir-Regolament (UE) 2018/1725.

— Id-dritt ta' aċċess tar-rikoorrent skont l-Artikolu 17(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 huwa kundizzjoni meħtieġa għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tar-rikoorrent previsti fl-Artikoli 7 u 8(1) tal-Karta. Il-konvenuta, minħabba n-nuqqas ta' azzjoni tagħha fir-rigward tat-talba tiegħu għal informazzjoni, qiegħda ċċaħħad lir-rikoorrent mill-possibbiltà li jinvoka l-pożizzjonijiet iggarantiti mid-drittijiet fundamentali. B'hekk, l-indħil fid-drittijiet fundamentali previsti fl-Artikoli 7 u 8(1) tal-Karta li jirriżulta min-nuqqas ta' azzjoni tal-konvenuta ma jistax jiġi ġġustifikat.

3. It-tielet motiv: ksur tad-dritt fundamentali tar-rikoorrent taħt l-Artikolu 47 tal-Karta

— Id-dritt tal-Istati Uniti ma jipprevedi ebda possibbiltà ta' protezzjoni ġudizzjarja kontra l-aċċess għad-data personali ta' ċittadini tal-Unjoni mill-awtoritajiet tas-sigurtà Amerikani u mis-servizzi tal-intelligence Amerikani.

— Il-Presidential Policy Directive 28 u l-Executive Order 12333 ma jagħtux drittijiet lis-suġġetti tad-data li jistgħu jiġi invokati b'mod ġudizzjarju kontra l-awtoritajiet Amerikani, u dan la fir-rigward tal-50 U.S. Code § 1881a (Section 702 FISA) u lanqas fir-rigward tal-programmi ta' sorveljanza tal-awtoritajiet tas-sigurtà Amerikani u tas-servizzi tal-intelligence Amerikani bbażati fuq l-Executive Order 12333, bħalma huma pereżempju l-programmi PRISM u UPSTREAM.

4. Ir-raba' motiv: applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 17(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 kif ukoll tal-Artikolu 14(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2018/1725

— Il-konvenuta naqset b'mod illegali milli tagħti lir-rikoorrent, skont it-talba għal aċċess tiegħu tal-1 ta' April 2022, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari l-miżuri ta' protezzjoni fis-sens tal-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2018/1725, fit-terminu ta' xahar previst fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

— Il-konvenuta naqset b'mod illegali milli tagħti lir-rikoorrent spiegazzjoni dwar l-eventwali estensjoni tat-terminu għall-għoti ta' aċċess skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2018/1725 jew milli tagħti lir-rikoorrent f-terminalu ta' xahar mit-tressiq tat-talba tar-rikoorrent informazzjoni dwar ir-raġunijiet għaċ-ċaħda tat-talba għal informazzjoni kif ukoll dwar ir-rimedji extraġudizzjarji u ġudizzjarji skont l-Artikolu 14(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

5. Il-ħames motiv: kawża ta' dannu mhux materjali

- Ir-rikorrent ġarrab dannu mhux materjali ta' EUR 1 200 minħabba ċ-ċaħda tat-talba tiegħu għal informazzjoni mill-konvenuta kif ukoll minħabba t-trasferiment mingħajr kontroll tad-data personali tiegħu lil riċevituri stabbiliti fl-Istati Uniti min-naħħa tal-konvenuta, li wassal għal nuqqas ta' ċertezza dwar is-sorveljanza illegali tal-użu tal-internet.

(<sup>1</sup>) Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, ufficċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2022 – LG Chem vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-356/22)**

(2022/C 294/57)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrent:** LG Chem, Ltd. (Seul, il-Korea t-Isfel) (rappreżentanti: P. Vander Schueren u T. Martin-Brieu, lawyers)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara r-rikors ammissibbli;
- tannulla r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/547 tal-5 ta' April 2022 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet ta' polimeri superassorbenti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea (<sup>1</sup>) (iktar il-quddiem ir-“Regolament Ikkontestat”), sa fejn dan jaapplika għar-rikorrenti;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti b'konnessjoni ma dawn il-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, kisret l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (<sup>2</sup>) (iktar ‘il quddiem ir-“Regolament Bażiku”), u kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti meta analizzat l-effett fuq il-prezzijiet ta' importazzjonijiet mill-Korea.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjonijiet, aġixxiet bi ksur tal-Artikoli 3(2), 3(5), 3(6) u 3(7) tar-Regolament Bażiku u naqset milli tipprovdi motivazzjoni billi analizzat l-effett ħażin fuq il-produtturi tal-Unjoni b'mod mhux newtrali u billi attribwixxiet l-imsemmi effett ħażin fuq l-importazzjonijiet mill-Korea, iktar milli fuq fatturi magħrufin oħrajn.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, aġixxiet bi ksur tal-Artikoli 3(3) u 9(4) tar-Regolament Bażiku u kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti billi ddeterminat il-marġni tad-dannu fuq numru simplifikat ta' kontroll tal-prodott, billi naqset milli tiprovdi sunti mhux kunsidenzjali xierqa dwar il-kalkoli tal-marġni tad-dannu u billi naqset milli tinkludi fatturi oħra magħrufa li kkawżaw dannu fid-determinazzjoni tagħha tal-marġni tad-dannu.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet investigazzjoni bi ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti u bi ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba.

(<sup>1</sup>) ĠU 2022, L 107, p. 27.

(<sup>2</sup>) ĠU 2016, L 176, p. 21.